MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 624/2013

Magro **Robert u Magro Angelle**

**ID 174869M u ID 573977**

**Vs**

**Camilleri Monreal Anabelle**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ewwel ta' Ottubru, 2013 fejn jghidu ghalxiex, inti, m'ghandekx tigi kkundannata thallas lura lill-atturi l-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200) rapprezentanti hlas li huma tawk sabiex tikrilhom zewg farmhouses f'Ghawdex, liema kirja pero' qatt ma sehhet minhabba ghadd ta' skuzi li inti qlajt u vvintajt.

Bl-ispejjez ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta 'n subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-31 ta' Jannar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-atturi fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2014 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf u mitejnewro (€1,200).

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------